Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 553/2015

Il-Pulizja

Spettur Elton Taliana

Vs

Henry Grogan

Alan Azzopardi

Illum 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Henry Grogan detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 328884 M, u ta' Alan Azzopardi detenur tal-karta tal-identita' Maltija 532384 M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-16 ta' Awwissu 2014 ghall-habta tal-23:00hrs minn Triq Mikiel Ang Borg, San Giljan:-

Ikkommettew serq ta' fuel ghad-dannu ta' Anthony Bonanno liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-mezz.

Wara li gew ikkundannati f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, nstabu fil-pussess ta' ghodod ohra tajbin ghal-ftuh jew sgassar ta' serraturi jew

instabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma taw kont sodisfaccenti ghal-liema skop legittimu nstabu ghandhom f'dak il-hin.

Lil **Henry Grogan** wahdu akkuzat talli:

1. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-Liberta' Provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magistrat Dr. M. Hayman LL.D. fid-digriet taghha datat tas-06 ta' April 2010 li bih l-imputat m'ghandhux johrog mid-dar tar-residenza tieghu bejn l-ghaxra ta' filghaxija (10:00pm) u s-sebgha ta' l-ghada filghodu (07:00am) u li ma jikkomettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Lil **Alan Azzopardi** wahdu akkuzat talli:

1. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduta mill-Magistrat Dr. C. Galea LL.D. nhar id-19 ta' Frar 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

2. u fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-*probation* taht l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati f'Malta fis-07 ta' Mejju 2013 mill-Magistrat Dr. N. Galea Sciberras.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputati bhala recedivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huma kienu gew misjuba hatja u kkundannati ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) 261(1)(b)(f), 263, 270 u 278(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) 579(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) 28B(1) u 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

h) 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Dicembru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputat **Henry Grogan** hati ta' l-imputazzjoniijet kollha migjuba kontra tieghu b'dan li ta' l-ewwel imputazzjoni dwar serq aggravat qed jinstab hati bhala komplici u b'dan li huwa mhux qed jitqies recidiv ai termini ta'l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija; in oltre l-Qorti qed tirrevoka l-helsien mill-arrest mghoti lill-imputat Henry Grogan permezz tad-digriet datat 6 ta' April 2010 u konsegwntement tordna r-riarrest tieghu.

U fil-waqt li ma sabitx lill-imputat **Alan Azzopardi** hati tar-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 28F, 49, 261(b)(f), 263, 270, 287 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu b'dan li huwa mhux qed jitqies recidiv ai termini ta'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 u ikkundannatu sittax (16) il-xahar prigunerija, in oltre qed ghazlet li ddahhal fis-sehh is-sentenza mghotija fid-19 ta' Frar 2014 permezz ta' liema huwa gie ikkundannat sena prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputati pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-21 ta' Dicembru, 2015, fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza fuq indikata tal-14 ta' Dicembru, 2015, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tikkonferma fejn l-appellanti m' humiex hatja u, filwaq li tirrevoka l-htija taghhom tilliberahom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Henry Grogan u Alan Azzopardi huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Jidher li l-Ewwel Qorti emmnet lil Anthony Bonanno li assigura li l-grada kienet maghluqa, izda l-prosekuzzjoni naqsu jipprovaw kif infetah. Il-grada ma kienetx imkissra jew kien hemm sinjali ta' forza, u lanqas ma kien hemm provi li l-imputati kellhom sett tac-cwievet. Lanqas hemm prova ghaliex l-appellanti ma kienu qed igorru l-jerry cans. Il-jerry cans kienu fis-sit u kien facli ghalihom biex igorru l-jerry cans u jdahhluhom mill-ewwel fil-karozza. Barra minhekk, l-appellant taq stqarrija simili, gara li turi l-kredibbilita. Jekk verament Henry Grogan biddel il-verzjoni tieghu meta l-Pulizija marru fuqu l-ewwel darba, b' hekk wiehed kien jistenna li l-appellanti jkollhom stqarrijiet konfliggenti ma' xulxin. Il-Qorti ghandha tkun kontinvinta mhux b' gut feeling, izda trid ikollha provi necessarji sabiex jiggustifikaw konvinciment morali ghal dina l-Qorti u ghal min jaqra l-process. Jidher car li l-prosekuzzjonijiet bbazat il-kaz taghha fuq suppozizjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti, iressqu essenzjalment aggravvju wiehed dirett lejn id-decizjoni impunjata dwar l-akkuza biss li tikkoncerna is-serqa ta' fuel li allegatament sehhet fis-16 ta' Awwissu 2014 minn sit ta' kostruzzjoni gewwa San Giljan. Dan ghaliex isostnu illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament xieraq tal-provi li kellha quddimeha u dan meta tat piz lix-xhieda ta' certu Anthony Bonanno li kien il-persuna responsabbli mix-xoghol ta'l-iskavar f'dan is-sit, li allura ma kellux jigi emmnut izda ukoll strahet fuq indizji zghar bhala prova li meta abbinati flimkien ma setghux iwasslu ghal sejbien ta' htija. Dan iktar u iktar meta jirrizulta illi prova ta' sgass ma kienx hemm, il-kancell mill-post fejn allegtament sehhet din is-

serqa ma kienx miksur u l-appellanti ma instabux b'xi ghodod fuqhom sabiex jaffettwaw is-serqa.

Illi kif gie ribadit diversi drabi min dawn il-qrati, qorti ta' revizjoni qajla iccaqlaq l-apprezzament li ikun sar mill-Ewwel Qorti tal-provi mismugha u migbura minnha u dan ghaliex dik il-qorti kellha okkazzjoni ahjar tezamina dawk il-provi b'mod specjali il-komportament tax-xhieda fuq il-pedana, haga li sfortunatament din il-Qorti ma kellhiex il-privilegg li tara. Illi allura l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti huwa dak illi taghmel apprezzament approfondit ta'l-atti probatorji sabiex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Issa din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti processwali minn fejn johrog illi l-maggior parti tal-provi huma ibbazati fuq indizji, billi x-xhud okulari li ra iz-zewg persuni fis-sit tal-kostruzzjoni qed jisirqu il-fuel minn gol-ingenji baqa' anonimu. L-indizji essenjzalment jindikaw illi:

1. Iz-zewg persuni ta'l-appellanti jinstabu fuq ix-xena tad-delitt, b'Grogan vicin il-vettura (registrata fuq Azzopardi) barra l-kancell tas-sit, filwaqt li Azzopardi jinstab mohbi wara gaffa.
2. Illi il-vettura kienet ipparkeggjata b'tali mod illi l-bagoll taghha kien qieghed ihares lejn il-kancell.
3. Il-katina tal-kancell kienet maqtugha u ma kellux il-katnazz.
4. Wara il-kancell instabu *jerry cans* mimlija *fuel.*
5. Hdejn il-gaffa fejn instab mohbi Azzopardi instabet *jerry can*, b'*pipe* go fiha, liema *pipe* kien imdahhal fit-tapp tad-*diesel* tal-gaffa, proprjeta ta' Anthony Bonanno.

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 6/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

6. Fuq il-persuna ta' Azzopardi tinxtamm riha ta' *fuel.*
7. Fil-vettura instabu *spanner* u xi ghodod ohra.

Issa Anthony Bonnanno li kien qed jiehu hsieb ix-xoghol ta'l-iskavar f'dan is-sit ta' kostruzzjoni jikkonferma illi l-kancell huwa jaghlqu permezz ta' katina u katnazz u li fuq il-post ma kienx izomm *jerry cans*.

Issa l-appellanti li irrilaxxjaw stqarrija lill-pulizija u anke xehdu quddiem l-Ewwel Qorti jikkontendu illi huma instabu fuq is-sit ghaliex kienu waqqfu hemmhekk biex Azzopardi jaghmel il-bzonnijiet tieghu. Ghalhekk jichdu li huma kienu hemm bl-intenzjoni li jisirqu l-*fuel*. Jikkontendu illi ghalkemm il-kancell kien maghluq, izda ma kienx imsakkar.

Issa l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni imhollija lilha permezz tal-ligi, qieset illi l-provi indizzjarji maghqudin kollha flimkien kienu iktar b'sahhithom mid-deposizzjoni, li dehrilha li kienet wahda fjakka, moghtija mill-appellanti sabiex jiggustifikaw l-presenza taghhom fuq ix-xena tad-delitt biex b'hekk sabet lil Azzopardi hati bhala l-awtur tad-delitt tas-serq ikkunsmat filwaqt li sabet lil Grogan hati bhala komplici fit-termini ta'l-artikolu 42(d) tal-Kapitolu 9. Illi din il-Qorti tqies illi l-ewwel Qorti ezercitat din id-diskrezzjoni b'mod gust u ghaqli u ma tarax ghalfejn ghandha tikkonkludi mod iehor mill-fehma milhuqa fid-decizjoni impunjata.

Illi d-dottrina tghallimna illi:

*" L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-*

*akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi*[2]*."*

Illi l-fattispecje jew indizji f'dan il-kaz indubbjament iwasslu sabiex jaghtu tifsira wahda ghal dak li kien qed isehh fuq ix-xena tar-reat. Dan iktar u iktar ghaliex l-ispjegazzjoni moghtija mill-appellanti ma tistax taghmel sens billi ma hemm l-ebda mottiv 'il ghala Azzopardi kellu proprju jaghzel post fejn hemm kancell li irid jinfetah biex imur jaghmel il-bzonnijiet tieghu. Oltre dan Bonnano jikkontendi illi l-kancell kien imsakkar b'katina u katnazz u li fuq il-post huwa ma kienx izomm *jerry cans* u kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti dan x-xhud ma kellu l-ebda mottiv sabiex jigdeb. Kif inghad fil-kaz fl-Ingilterra *DPP vs Kilbourne,* meta l-provi indizzjarji gew imqabbla mal-kordi tal-habel:

*"One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength.*

*Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that is, with as much certainty as human affairs can require or admit of.*[3]"

Dak allura illi johrog mill-atti probatorji u precizament mill-provi indizzjarji hawn fuq indikati, mhuwiex biss il-presenza fizika ta'l-appellanti fuq il-post tad-delitt ghaliex dan l-element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', izda ukoll jirrizulta illi kien hemm is-sehem attiv fil-kummissjoni tar-reat minn naha ta' Azzopardi b'Grogan qed jassistieh biex b'hekk jirrizulta l-hekk imsejjah "*common design*" bejn l-appellanti li instabu fuq x-xena tad-delitt; bl-appellant Azzopardi iwettaq l-att materjali tar-reat u cioe' billi jikkometti s-serqa tal-fuel mill-ingenji li kien qed jigi trasferit permezz ta' *pipe* ghal gewwa *jerry cans* u l-appellanti Grogan jistennieh hdejn il-karozza barra

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri – 05/07/2002 App.Sup.
[3] Blackstone – Criminal Practice 2015

jaghmel l-ghassa. Dan ghaliex mhux biss Azzopardi instab ezattament hdejn il-gaffa minn fejn kien qed jittiehed il-*fuel*, izda ukoll ghaliex kien hemm diversi *jerry cans* mimlija bil-*fuel*, ezatt wara il-kancell lesti biex jigu ittrasportati. Dan abbinat ma' diversi fatturi ohra bhar-riha tal-*fuel* li inxtammet fuq Azzopardi u l-ghodda li instabet fil-vettura bil-katina tal-kancell imkissra.

Kwindi abbazi ta' dawn il-konkluzjonijiet l-aggravvju ta'l-appellanti illi d-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ma kenitx wahda lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni certament ma jistax jisthoqqlu akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur